



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern*

---

**2012/2186(DEC)**

1.3.2013

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ta' Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga għas-sena finanzjarja 2011  
(2012/2186(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Georgios Papanikolaou

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' l-konklużjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri li jikkonfermaw li l-kontijiet annwali taċ-Ċentru jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti konkreti kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tiegħu sal-31 ta' Diċembru 2011 u li r-riżultati tal-operazzjonijiet tiegħu u l-flussi tal-flus għas-sena li ntemmet, kif ukoll it-tranżazzjonijiet sottostanti għall-kontijiet annwali taċ-Ċentru għas-sena finanzjarja 2011 huma legali u regolari fl-aspetti konkreti kollha;
2. Jinnota li l-baġit taċ-Ċentru ammonta għal EUR 16 274 205 għas-sena finanzjarja 2011, b'sussidju tal-Unjoni li jammonta għal EUR 15 400 000; jinnota wkoll li fl-2011, rispettivament iċ-Ċentru impenja 99,83% u 97,18% tal-appropriazzjonijiet li daħlu taħt l-Intestatura 1 (Persunal) u 2 (Amministrattiv) u taħt l-Intestatura 3 (Operazzjonijiet); josserva li f'termini ta' appropriazzjonijiet imħallsa, ir-rata ta' eżekuzzjoni taċ-Ċentru hija ta' 99,86% taħt l-Intestaturi 1&2 u ta' 97,58% taħt l-Intestatura 3;
3. Josserva li, kuntrarju għar-rapport tas-sena li għaddiet, il-Qorti tal-Awdituri għamlet xi kummenti kritiċi li jkopru numru ta' kwistjonijiet differenti;
4. Jieħu nota tal-kummenti magħmula mill-Qorti tal-Awdituri rigward l-ispejjeż ta' madwar EUR 275 000 għal spazju ta' uffiċċji mhux użat li tħallsu miċ-Ċentru; jieħu nota tat-tweġiba taċ-Ċentru li qed "isegwi u jżid l-isforzi tiegħu f'dan il-qasam"; jitlob li jiġi aġġornat b'mod komprensiv dwar iktar żviluppi dwar din il-kwistjoni; jesiġi li tinstab soluzzjoni b'urġenza għal din il-kwistjoni;
5. Jieħu nota tal-kummenti ulterjuri magħmula mill-Qorti tal-Awdituri rigward in-nuqqas ta' impenn lejn impenji li għadhom pendenti li ma jirrigwardawx obbligi legali, in-nuqqas ta' politika tat-teżor u n-nuqqas ta' politika dwar l-eċċezzjonijiet, kif ukoll li hemm lok ikbar għat-titjib rigward il-proċeduri ta' reklutaġġ u l-fajls tal-akkwist; jilqa' t-tweġibiet taċ-Ċentru li jiddikkjaraw li ħa ssir azzjoni dwar dawn il-kwistjonijiet kollha; jitlob liċ-Ċentru jieħu l-miżuri ta' rimedju kollha kif ġie mħabbar u mingħajr dewmien;
6. Jinnota li fl-2011 twettqet valutazzjoni tal-proċessi tal-akkwist u tal-kuntratti; jinnota d-dikjarazzjoni taċ-Ċentru li ssostni li dan żviluppa azzjonijiet ibbażati fuq ir-riżultati tal-valutazzjoni, jiġifieri fuq (i) ir-razzjonalizzazzjoni tal-proċeduri tal-offerti u t-tnaqqis ta' proċeduri negozjati, (ii) l-implimentazzjoni ta' miżuri speċifiċi biex tiġi żgurata l-eżekuzzjoni xierqa tal-kuntratti u (iii) it-twettiq ta' proċessi tal-offerti aktar kmieni matul is-sena, meta mqabbla mal-2010;
7. Jinnota li fl-2011, is-Servizz tal-Awditjar Intern (IAS) wettaq verifika tar-'Rapport annwali ta' attività u l-elementi importanti tal-assigurazzjoni' u rrakkomanda li (i) jiddaħħlu analiżi tal-Bord Maniġerjali u valutazzjoni tar-rapport Annwali tal-Uffiċċjal Awtorizzanti f'rapporti tal-attività annwali futuri, (ii) tittejjeb il-preċiżjoni ta' dikjarazzjonijiet futuri ffirmati mill-Uffiċċjal Awtorizzanti, u (iii) tiddaħħal valutazzjoni tal-effettività tas-sistema ta' kontroll interna taċ-Ċentru f'rapporti tal-attività annwali

futuri; jistieden li-Ċentru jinforma lill-awtorità tal-kwittanza bil-miżuri li jittieħdu biex jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet IAS 2011 u dawk minn verifiki tal-IAS preċedenti li jibqgħu miftuħin;

8. B'mod ġenerali jistieden lill-Qorti tal-Awdituri tiffoka aktar fuq l-awditjar tal-ġestjoni finanzjarja tajba taċ-Ċentru, jiġifieri l-ekonomija, l-effiċjenza u l-effikaċja li bihom iċ-Ċentru uża l-approprijazzjonijiet tiegħu fit-twettiq tar-responsabbiltajiet tiegħu;
9. Jirrikonoxxi li t-tielet valutazzjoni esterna taċ-Ċentru tnediet mill-Kummissjoni fl-2011 f'konformità mal-Artikolu 23 tar-Regolament (KE) Nru 1920/2006 u tlestiet fl-2012; jitlob li-Ċentru jinforma lill-awtorità tal-kwittanza dwar il-miżuri implimentati fid-dawl tar-rakkomandazzjonijiet imressqa f'din il-valutazzjoni esterna.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	21.2.2013
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 46 -: 0 0: 0
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Jan Philipp Albrecht, Rita Borsellino, Emine Bozkurt, Arkadiusz Tomasz Bratkowski, Philip Claeys, Carlos Coelho, Ioan Enciu, Frank Engel, Kinga Gál, Kinga Göncz, Nathalie Griesbeck, Sylvie Guillaume, Ágnes Hankiss, Anna Hedh, Lívia Járóka, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Timothy Kirkhope, Juan Fernando López Aguilar, Baroness Sarah Ludford, Monica Luisa Macovei, Véronique Mathieu Houillon, Anthea McIntyre, Nuno Melo, Claude Moraes, Georgios Papanikolaou, Jacek Protasiewicz, Judith Sargentini, Birgit Sippel, Renate Sommer, Nils Torvalds, Wim van de Camp, Axel Voss, Renate Weber, Josef Weidenholzer, Auke Zijlstra
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Mariya Gabriel, Monika Hohlmeier, Marian-Jean Marinescu, Jan Mulder, Raül Romeva i Rueda, Salvador Sedó i Alabart
<b>Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Knut Fleckenstein, Karin Kadenbach, Ivailo Kalfin, Iosif Matula, Ivo Vajgl